**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 242/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Edwin Vassallo**

Illum, 20 ta' Settembru 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Edwin Vassallo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 667861M, akkużat talli nhar il-27 ta' April 2017 u fil-ġimgħat ta' qabel, f'ħinijiet differenti ġewwa l-Belt Valletta u f'postijiet oħra ġewwa dawn il-Gzejjer:

1. Talli, anke bħala uffiċjal pubbliku jew impjegat fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu, ħa b'qerq, iddistruġġa, ma ħalliex sħaħ jew seraq dokumenti, proċessi jew karti oħra, reġistri, atti jew xi ħwejjeġ oħra u cioe' l-atti tal-kumpilazzjoni Pulizija v Angel Attard li kienu qegħdin fl-arkivji pubbliċi, jew f'uffiċċji oħra pubbliċi, jew li gew mogħtija f'idejn depożitarju jew uffiċjal ieħor pubbliku minħabba l-kariga tieghu u dan bi ksur tal-Artiklu 144(1) u l-Artiklu 150 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli xjentement issoprima jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat u cioe' billi seraq l-atti tal-kumpilazzjoni Pulizija v Angel Attard u dan bi ksur tal-Artiklu 111(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom hu ma kellux jedd, barra milli accetta l-hlas, il-wedgha jew l-offerta, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel bi ksur tal-Artiklu 115(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, ghamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew seraqhom, bi ksur tal-Artiklu 127(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli seraq dokumenti u cioe' l-atti tal-kumpilazzjoni Pulizija v Angel Attard liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-lok bi ksur tal-Artiklu 261(d), 261(e), 268 u 269 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Awwissu 2019, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u għalhekk illiberatu minnhom, filwaqt li wara li rat l-artikoli 17, 114(1), 115(1)(c), 150, 261(d), 261(e), 268 u 269 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' kompliċita' fir-reat dedott fl-ewwel (1) u l-ħames (5) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu kif ukoll ħati tat-tielet (3) imputazzjoni. Bl-applikazzjoni tal-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti poġġiet lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* u servizz a tenur tal-artikolu 18 tal-Kap. 446 (liema artikolu jagħmel riferenza diretta għall-artikoli 7 u 11 tal-istess Kap. 446) għall-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment. Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446, poġġiet lil Edwin Vassallo taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi jagħmel xogħol bla ħlas ta' erba' mija u tmenin (480) siegħa, l-massimu li tipprovdi l-liġi, f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole*. Il-Qorti rrakomandat li s-Servizz fil-Kommunita' jsir fil-Kalkara maċ-Ċentru Parrokjali taħt is-supervizjoni ta' Fr Brian Gialanze'. Rigward l-ispejjez li ġew inkorsi skont kif jipprovdi l-Artiklu 533 tal-Kodici Kriminali, l-imputat ġie ordnat ukoll iħallas nofs l-ispejjez tal-esperti (u dan għaliex kien hemm imputat iehor għaddej proċeduri dwar l-istess fatti) jiġifieri elfejn, seba' mija u erbgħa u tmenin ewro (€2,784) u dan fi zmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fl-4 ta' Settembru 2019, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u dana billi –

i. Tikkonfermaha fejn illiberat lil Edwin Vassallo mit-tieni mputazzjoni;
ii. Tħassarha u tirrevoka f'dik il-parti fejn sabet lil Edwin Vassallo mhux ħati tar-raba' imputazzjoni u minflok tgħaddi sabiex issib ħtija ta' dik l-imputazzjoni skond il-liġi;
iii. Tħassarha u tirrevoka dik il-parti fejn sabet lil Edwin Vassallo ħati tal-ewwel, it-tielet u l-ħames imputazzjoni bħala kompliċi u minflok a bazi tal-provi prodotti tgħaddi sabiex issib lill-istess appellat ħati ta' l-ewwel, it-tielet u l-ħames imputazzjoni bħala awtur hekk kif kien imputat;
iv. Tħassar u tirrevoka l-provediment ta' ordni ta' probation u servizz fil-komunita' ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok tgħaddi sabiex timponi piena skond il-liġi li tkun aktar ġusta, adegwata u idoneja għaċ-ċirkostanzi tal-kaz hekk kif hawn fuq imsemmi; u
v. Fi kwalunkwe kaz tgħaddi sabiex tordna l-interdizzjoni skond il-liġi.

Rat l-aggravji imressqa mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali huwa jilmenta illi l-Ewwel Qorti malament għaddiet sabiex tillibera lill-appellat Edwin Vassallo mir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, liema imputazzjoni kienet tikkontempla r-reat imfassal fl-Artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa jisħaq li mill-provi prodotti, kienu jirriżultaw l-elementi kollha ta' dan ir-reat li jitkellem dwar is-serq jew approprjazzjoni indebita minn uffiċjal pubbliku ta' dokumenti lilu fdati fil-kors ta'l-impjieg tiegħu meta għadda proċess ta' kawża kriminali lill-impjegat ieħor ċertu Joseph Bezzina, u dan meta ma kienx fid-dmir tiegħu li jagħmel dan.

Illi, minn eżami ta'l-atti proċesswali jirriżulta li nhar is-27 ta' April 2017, il-Pulizija irċeviet rapport mill-amministrazzjoni ta'l-Qorti li kien insteraq proċess, kontenenti diversi volumi, fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Angel Attard*". Minn stħarriġ li għamlet il-pulizija, kif ukoll minn stħarriġ dwar l-*in genere* li seħħ konkomittanti ma' dawn l-investigazzjonijiet, irriżulta illi l-aħħar persuni li kellhom aċċess għal dan il-proċess kienu l-*Ushers* tal-Qorti Joseph, magħruf bħala Jean Paul, Bezzina u l-appellat Edwin Vassallo. Il-proċess kien misjub ftit tal-ħin wara ġewwa armarju viċin l-awla li dak iż-żmien kien jokkupa l-Maġistrat Antonio Micallef Trigona. Minn investigazzjonijiet ulterjuri kif ukoll minn filmati tas-CCTV, irriżulta li l-appellat, li kien inkarigat bħala Messaġġier adett mar-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati sabiex iqassam il-proċessi li kienu jaslu mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali lil uffiċċji tal-Maġistrati rispettivi aditi bis-smigħ tal-kawżi, naqas milli jikkonsenja il-proċess *Il-Pulizija vs Angel Attard* lid-Deputat Reġistratur adett mal-Maġistrat Neville Camilleri, li kien il-ġudikant adit bis-smigħ tal-kumpilazzjoni, u minflok għaddieh lil Messaġġier Jean Paul Bezzina, li minn naħa tiegħu kien poġġa dan il-proċess fl-armarju fejn sussegwentement instab.

Illi, dwar dan il-każ, ġiet varata inkjesta maġisterjali u kemm l-appellat kif ukoll Jean Paul Bezzina, fost oħrajn, irrilaxxaw ix-xiehda tagħhom bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwerenti, liema xiehda kienet tirrifletti verżjonijiet konfliġġenti. Jean Paul Bezzina stqarr li kien l-appellat li mar fuqu, tah il-proċess in kwistjoni u talbu biex jaħbieh, filwaqt li minn naħa l-oħra, l-appellat stqarr li kien Jean Paul Bezzina li talbu inewwillu dan il-proċess. Huwa jgħid li xi ġimgħatejn qabel id-data tal-inċident *de quo*, Bezzina kien qallu il-kliem "**għandi bzonn il-proċess ... trid takkwista lira?**", u jsemmi somma ta' bejn ħamsa u għaxart elef Ewro. Madanakollu jistqarr ukoll li huwa qatt ma talab xejn lil Bezzina u li l-proċess sparixxa minn fuq it-*trolley* tiegħu. Jinnega li hu ħa xi flejjes in konnessjoni mat-teħid ta' dan il-proċess.

Illi, l-Avukat Ġenerali jikkontendi li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta lliberat lill-appellat mir-reat imfassal fl-Artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi illi:

> **1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti**

**jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni ġenerali perpetwa.**

Illi, l-ġurisprudenza nostrana fir-rigward ta' dan ir-reat hija kostanti u konsistenti u filfatt l-Ewwel Qorti daħlet fil-fond dwar l-istess. Illi fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Alexander Zammit et' (13 ta' Marzu, 1998) ingħad:

**'Wieħed mill-elementi tar-reat ta' storn huwa li l-oġġetti inkwistjoni jkunu fdati lill-individwu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament tal-oġġetti, jew inkella jkun hemm it-teħid tagħhom *invito domino* li hu l-element tas-serq. Wieħed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-ieħor relattivament għall-istess fatt.**

**' L-istorn jipprospetta dawn l-elementi. Li wieħed ikun**

**(a) impjegat pubbliku u**

**(b) li għamel użu ħażin minn ħwejjeġ mobbli fdati lilu, jew jisraqhom.**

**(ċ) li kienu fdati lilu minħabba l-kariga tiegħu .**

**(d) għall-vantaġġ privat tiegħu.**

Fis-sentenza Il-Maesta tar-Re vs Guzeppi Fenech et[1], il-Qorti Kriminali ddikjarat:

**Illi gie deciz min din l-Qorti, komposta minn tlett Imhallfin, fil-kawza "Rex vs Brincat"deciza fis-6 ta' April, 1943, illi d-delitt ta' storn kontemplat fl-artikolu 125 tal-Kap.12……huwa specjali ghall-ufficjal jew impjegat publiku; u persuna li ma jkollhiex dik il-kwalita` anke jekk tghin lill-uffijal publiku, ma tistax tigi akkuza ta ta' komplicita` taht dik id-disposizzjoni, ghaliex ikun qieghed jonqos element essenzjali ghal dik id-disposizzjoni, u cjoe il-kwalita` ta' ufficjal jew impejgat pubbliku li jkollu taht idejh il-haga stornata in forza ta' dak l-ufficju tieghu…..**

**Illi fil-kaz "Rex vs Victor Fava" deciz ukoll minn din l-qorti kollegjalment komposta fis-6 ta' Lulju 1943, gie mantenut l-istess principju. U gie spjegat li f'kaz ta' reati simil, il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku (u kwindi l-fatt li l-haga tkun fdata lilu minhabba l-karika tieghu) ma ghandhiex bhala bazi l-facilitazzjoni ta' l-ezekuzzjoni tar-reat, imma l-vjolazzjoni ta' dover specjali inkombenti lill-ufficjal pubbliku (li jkollu l-haga fdata lilu) u ghalhekk bhala cirkustanza esklusivament personali ma hijiex kommunikabli.**

**Illi l-principju ta' non-kommunikabilita`, minhabba li si tratta mhux ta' kwistjoni ta' facilitazzjoni, imma ta' vjolazzjoni ta' dover specjali, propunjat f'dawn is-sentenzi huwa accettat mill-Pessina….. Masucci (Dig. It. voce "Partecipazine", n.155).**

[1] Deciza 16.06.1950. Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol.XXXIVC.iv. fol.930

**Dan l-awtur tal-ahhar precizament jghid illi d-delitt f'kaz simili, jidderiva "dalla violazione di uno special dovere incombente ad una determinate persona; neppure puo essere estesa agli altri condeliquenti perche` non sarebbe giusto che risentisce i danni della violazione di un dovere speciale anche chi a questo dovere non era sottoposto". U ghandu jigi nutat li persuna tigi sottoposta ghal dak id-dover mhux biss ghax tkun ufficjal publiku imma ghax il-haga tkun giet fdata lilha minhabba l-karika; u ghalhekk mhux bizzejjed li tkun ufficjal publiku biss, minghajr ma jkun hemm l-affidament tal-haga. Ikompli jghid gustament il-Masucci illi "se l'aggravante forse anche a lui communicabile, si avrebbe questa inammissibile conseguenza che si risponderebbe come complice di un'aggravante nella quale non si sarebbe potato concorrere, se il colpevole, invece di limitarsi alla parte di complice, avesse scelto quella di esecutore del reato". U precizament dan huwa l-aqwa argument. Infatti diversament, kieku ma tigix segwita din it-teorija, jista jkun hemm dan l-assurd;**

**……..Il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku serviet ta' facilitazzjoni ghar-reat, imma b'dan kollu ma tistax tikkomunika ruhha lill-komplici, ghaliex ic-cirkustanza ta' ufficjal publiku, akkopjata ghall-affidament tal-haga stornata minhabba l-kariga, hija mhux aggravanti, imma element tar-reat specjali; u l-komplici, li, ankorke` hu ufficjal publiku, ma kellux pero` l-haga fdata lilu, ma setax jikkometti dak it-titolu ta' reat ghalkemm seta' ikkometta titolu ta' reat iehor. Fl-ewwel kaz hemm it-titolu ta' serq (reat komuni) pju` l-aggravanti, kommunikabbli ghax serviet ta' aggravanti; fit-tieni kaz hemm titolu specjali ta' reat, biss dik ic-cirkustanza (ufficjal publiku pju l-affidament tal-haga minhabba l-karika) ma hijiex aggravanti, imma element kostituttiv tar-reat stess, u dak li fih ma tirrikorrix dik ic-cirkustanza ma jistax jikkometti, mhux l-aggravanti, imma ma jistax jikkometti t-titolu stess ta' dak ir-reat specjali.**

**…Illi minn ezami tal-atti tal-kawza…jirrizulta li f'dan il-kaz il-haga allegata stornata kienet taht idejn akkuzat wiehed biss, in forza tal-ufficju tieghu, cjoe` ta' Guzeppi Fenech. Iz-zewg ko-akkuzati l-ohra huma, jew kienu, ukoll impjegati pubblici, sija pure fl-istess dipartiment, imma l-haga stornata ma kienitx fdata lilhom in forza tal-impjieg taghhom….**

**Illi ghalhekk la darba tonqos dik iċ-cirkustanza, ma hemmx lok ghall-komplicita` - salva konsiderazzjoni diversa ta' l-allegat ghemil taghhom, anki in bazi ghall-kwalita` taghhom ta' impjegati publici, kif allegat mill-prosekuzzjoni**

Illi l-Qorti iċċitat din il-ġurisprudenza għaliex fiha hemm imfassla l-elementi tar-reat ta' storn li jitkellmu dwar dak l-impjegat pubbliku li bis-saħħa tal-fiduċja fih riposta minħabba il-kariga tiegħu u li lilu jkun ġie fdat l-oġġett misruq jew misapproprjat, jiddisponi minn dak l-oġġett u dan sabiex jagħmel qligħ għalih innifsu <u>jew għal haddieħor</u>. Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti errat meta qieset illi għaliex l-appellat ma għamel ebda qliegħ għalih innifsu allura r-reat ma kienx jissussisti billi t-teħid tal-

proċess sabiex dan joħroġ mill-isfera fejn kien fid-dmir tiegħu li jara li jkun ikkustodit, sar bl-intenzjoni illi ikun hemm benefiċċju għal terza persuna li ried jara li dak il-proċess ikun manomess, tant illi Bezzina stess, skont dak dikjarat mill-appellat, kien tah x'jifhem illi sabiex jagħmel dan l-att inkriminatorju kien ser ikun hemm xi forma ta' kumpens.

Illi allura l-Avukat Ġenerali kellu raġun meta qies illi anke dan ir-reat kien jissussisti bl-appellat jisraq il-proċess li kien fdat lilu minħabba il-kariga li kien jokkupa sabiex igħaddih, b'mod illegali u bl-iskop li dan jintilef, lil Bezzina, tant illi l-proċess kien misjub f'armarju fejn mhux suppost kellu jkun maħżun, u dan minflok li kkonsenja l-imsemmi proċess lid-Deputat Reġistratur addett mal-Maġistrat Neville Camilleri, li kien adit bis-smigħ tal-kawża. Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta lliberat lill-appellat minn dina l-imputazzjoni.

Għal dawn il-motivi, dina l-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment u l-appellat għandu jkun misjub ħati ukoll ta' dan ir-reat fil-vesti tiegħu ta' awtur tar-reat għaliex kif imgħallem fis-sentenza ***Fenech et*** hawn fuq iċċitata, billi it-teħid tal-proċess sar mill-appellat bħala l-uffiċjal li lilu kienet fdata il-kustodja tiegħu, kwindi qatt ma tista' tirriżulta r-reita' fl-appellat fil-vesti ta' kompliċi, iżda bħala awtur ta'l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi abbinat ma' din il-konsiderazzjoni fil-fatt jinsab it-tieni aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali meta jilmenta illi l-Ewwel Qorti errat meta sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu mhux bħala awtur, hekk kif kien imputat, imma bħala kompliċi. L-Avukat Ġenerali jsostni li mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-appellat seta' jitqies bħala kompliċi fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom hu kien misjub ħati fit-termini tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, meta huwa kien il-persuna li ħa sehem attiv fl-eżekuzzjoni ta'l-att inkriminatorju.

Issa huwa paċifiku illi kien hemm konġura sabiex is-serq tal-proċess iseħħ bejn iktar minn persuna waħda. Illi sabiex l-appellat seta' jkun misjub ħati bħala ko-awtur f'dan id-delitt irid jirriżulta sodisfacentement ippruvat mill-Prosekuzzjoni, lil hinn minn

kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-parteċipazzjoni materjali tiegħu, jew bħala l-eżekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, jew inkella flimkien ma' dak l-eżekutur, iżda u fuq kollox illi huwa ippresta il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali għall-eżekuzzjoni tad-delitt. Dan allura neċessarjament jimplika illi jrid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn tnejn minn nies ai fini li jiġi kommess is-serq mertu tal-każ, u kwindi jrid ikun hemm il-prova sal-grad taċ-ċertezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt[2]."

Dak allura illi irid joħroġ mill-atti probatorji huwa is-sehem attiv fil-kummissjoni tar-reat minn naħa tal-appellat abbinat ma' l hekk imsejjah "*common design*" bejn l-moħħ jew l-awtur u l-imputat li kien l-eżekutur materjal tal-att kommissiv, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Issa meta persuna tkun sempliċement assistit b'wieħed mill-meżżi indikati fl-artikolu 42, iżda li ma jkunx dik il-persuna li ħadet sehem attiv fl-eżekuzzjoni tar-reat titwieled il-figura tal-kompliċi, billi kif ingħad l-ko-awtur irid neċessarjament ikun ha sehem attiv fil-kummissjoni tad-delitt u mhux sempliċement offra l-għajnuna tiegħu fil-preparazzjoni għal kummissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-eżekuzzjoni tad-delitt jirnexxi.

Illi l-Ewwel Qorti, wara li eżaminat il-liġi u l-ġurisprudenza regolanti l-irwol ta' kompliċi fil-kummissjoni tar-reat qieset illi l-appellat kellu jkun ikkunsidrat bħala kompliċi fil-kummissjoni tad-delitt minħabba li ġiegħel li jsir id-delitt "**b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt**", u dana ai termini tal-Artikolu 42(b) tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm din id-disposizzjoni tal-liġi lanqas ma hija iċċitata fid-deċide tas-sentenza appellata.

Illi, kif ingħad iktar 'il fuq l-att materjali tar-reat u ċioe' l-eżekuzzjoni tal-intenzjoni kriminuża saret mill-appellat u minn ħadd iktar. Kien hu l-persuna li fil-kariga li kien jokkupa effettivament seta' jasal biex jisraq il-proċess u jostru minflok ikkonsenjah kif kif kien id-dmir tiegħu li jagħmel lill-qorti adita bis-smigħ tal-kawża. Illi allura

[2] App.Krim 24/05/2002 Il-Pulizija vs Carmelo Agius et

għalkemm Jean Paul Bezzina seta' kien il-moħħ wara l-kummissjoni tar-reat, madanakollu kien l-appellat l-eżekutur materjali tal-att kommissiv tar-reat u ma jista' qatt, kuntrarjament għal dak konkluż mill-Ewwel Qorti, jiffigura fil-persuna tal-kompliċi fit-termini ta'l-artikolu 42(b) tal-Kodiċi Kriminali. Din id-disposizzjoni tal-liġi tikkontempla l-figura kriminuża fil-vesti ta' kompliċi f'kull min iġiegħel li jsir delitt bil-mezzi hemmhekk imsemmija u ċioe' permezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, egħmil qarrieqi, abbuż ta' awtorita' u setgħa, jew permezz ta' għoti ta' struzzjonijiet, bl-appellat ma jiffigurax bħala dik il-persuna li ġiegħlet li jsir id-delitt b'xi waħda minn dawn il-meżżi, iżda huwa l-persuna li effettivament u materjalment eżegwixxa l-att materjali nnifsu.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, allura, anke hawn l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-aggravju minnu ntentat, b'dan għalhekk illi l-appellat ma seta' qatt jinstab ħati fil-figura ta' kompliċi, iżda bħala awtur tar-reat li materjalment ikkometta l-att eżekuttiv u kommissiv meta bis-saħħa tal-kariga minnu okkupata huwa kellu d-dmir li jieħu ħsieb il-konsenja tal-proċess lill-awla tal-Maġistrat (illum Imħallef) Neville Camilleri u bis-saħħa ta' din il-fiduċja riposta fih huwa seta' jasal sabiex l-att kriminuż jsib il-milja tiegħu. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll qed ikun milqugħ.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aħħar aggravju jikkonċerna in-natura tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u ċioe' dik alternattiva għal priġunerija effettiva bl-applikazzjoni tal-artikoli 7 u 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta favur l-appellat. L-Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt legalment u raġonevolment timponi *Ordni ta' Probation* flimkien ma' Ordni ta' Xogħol fil-Komunita' ġaladarba l-appellat instab ħati ta' reat li jġorr il-piena massima ta' *oltre* seba' snin priġunerija. *In oltre*, l-Avukat Ġenerali jissottometti li tali piena mhix waħda idonea ukoll fiċ-ċirkostanzi tal-kaz fejn mis-*social inquiry report* jirriżulta ampjament li l-appellat ma kellux vizzji u allura ma jenħtieġ ebda għajnuna għal riforma f'ħajjtu li huwa l-għan wara piena alternattiva għal dik karċerarja.

Illi, l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi: –

**(1) Il-qorti tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu li ġej, minflok tagħti sentenza dwar il-ħati, tagħmel ordni ta' probation, jiġifieri, ordni li tkun teħtieġ lill-ħati li jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-probation għal perjodu li jiġi speċifikat fl-ordni ta' mhux inqas minn sena u mhux aktar minn tliet snin.**
**(2) Kull ordni magħmula skont is-subartikolu (1) għandha biss issir jekk:**
**(a) persuna tiġi dikjarata ħatja ta' reat, li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda, u għax ma jkunx reat li apparti minn kull żjieda fil-piena minħabba f'li jkun wieħed li jkompli jew f'dikjarazzjonijiet ta' ħtija preċedenti, li jkun punibbli bi priġunerija għal żmien mhux iktar minn seba' snin; u**
**(b) il-qorti tkun sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn uffiċjal tal-probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-ħati u, jew jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel il-ħati jew li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra; u**
**(ċ) fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, il-ħruġ ta' dik l-ordni jkun adatt:**
**...**

Illi kif jirrimarka ben tajjeb l-Avukat Ġenerali, it-tielet imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, fit-termini tal-Artikolu 115(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, iġġorr magħha piena ta' priġunerija ta' tmien (8) snin u għalhekk tmur *oltre'* il-perijodu ta' seba' (7) snin hekk kif tirrikjedi l-liġi fl-artikolu 7(2)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti madanakollu ben konxja ta' dak li tiddisponi l-liġi fir-rigward għżlet li tapplika dik l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali maħsuba fil-*proviso* għall-artikolu 7 meta jingħad: –

**Iżda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi, li għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw lil-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ ta' reat li, minbarra xi żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti, jkun punibbli bi priġunerija għalżmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin, il-qorti tista'tagħmel ordni ta' probation.**

Tindika s-segwenti motivi l-Ewwel Qorti li wassluha sabiex tapplika din l-eċċezzjoni:–

**(1) Il-fedina tal-imputat hija wahda nadifa u qatt ma xellef difrejh mal-gustizzja. Ma kellu l-ebda kaz iehor fil-Qorti fiz-zmien li damu ghaddejjin dawn il-proceduri;**
**(2)Ma jirrizultax li l-imputat ghandu xi vizzji jew problemi ohra;**

**(3)Sahhtu ddetorjat hafna tant li minn seduta ghall-ohra kull ma jmur qieghda tmur lura tant li ma jkunx jista' jzomm bil-wieqfa wara certu hin;**
**(4)L-eta' tieghu fejn wasal biex jirtira mix-xoghol;**
**(5)Il-kaz li ghalih qieghed jinstab hati llum huwa serju hafna u huwa ta' niket li karriera twila ta' xoghol kellha ticcappas hekk minhabba li ma kellux forza jirrezisti proposta indicenti u kriminali minn kollega tieghu tax-xoghol. Meta persuna tkun assenjata hidma fil-Qorti mal-Gudikatura dan huwa xoghol ta' fiducja kbira u dak li sehh f'dan il-kaz tant huwa serju, li kieku l-amministrazzjoni tal-Qorti u l-pulizija ma hadux azzjoni immedjata meta saru jafu b'dak li seta' gara kieku kien ikun hemm konsegwenzi serji hafna li jwasslu biex ikun imminat process gudizzjarju fuq akkuzi ta' reati serji hafna bhal m'hu ttraffikar tad-droga.**
**(6)Il-Probation ghandha tghinu jifhem ahjar u jara kif irid igib ruhu meta jkun taht pressjoni u ma jcediex quddiem proposti moqzieza li jdghajjfu s-sisien tas-saltna tad-dritt f'pajjizna;**
**(7)Aktar milli deterrent, il-piena ghandu tkun mezz riformattiv biex wiehed jaghraf l-izbalji tieghu, li f'dan il-kaz l-imputat wera soghba kbira ghal dak li wettaq u ma jergax jirrepeti l-agir tieghu.**

Illi l-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tqies illi dawn ma jistgħu qatt iwassluha sabiex tqies lill-appellat bħala persuna idonja biex tiġi applikata favurieha  din il-miżura punittiva alternattiva għall-inkarċerazzjoni, iktar u iktar meta ir-reati li dwarhom huwa kien mijsub ħati mill-Ewwel Qorti, u issa qed jinstab ħati minn din il-Qorti  bħala awtur tar-reat, huma reati serji li, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, jimminaw bil-kbir ir-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, u li jeżorbitaw il-limitu fl-applikabbilita' ta'l-imsemmi artikolu 7. Dan oltre għal fatt illi l-qorti għandha tħares milli jseħħ il-kummissjoni ta' dawn it-tip ta' reati proprju fl-edifiċju li jopera bil-għan illi l-proċess ġudizzjarju ma jkunx imminat. Ma tqiesx għalhekk illi l-appellat kellu igawdi mill-eċċezzjoni maħsuba fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta billi ma jirrikorrux dawk iċ-ċirkostanzi li jimmeritaw l-applikazzjoni ta' din il-miżura. Il-fedina penali nadifa, il-fatt illi l-appellat ma jbati minn ebda vizzju, u li llum huwa irtirat mix-xogħol, oltre li is-saħħa tiegħu marret lura minħabba f'dan il-każ, ma humiex ċirkostanzi li jindikaw illi għandha tkun applikata l-eċċezzjoni għar-regola, u dan meta dawn il-fatturi jitpoġġew fuq il-miżien mal-gravita' tar-reat kommess mill-appellat. Dan ma jfissirx illi l-appellat ma għandux igawdi minn sentenza alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva, billi kif ingħad huwa *first time offender*, illum irtirat mix-xogħol u għalhekk ma hemmx il-biża' ta'

repetizzjoni tal-istess reati minnu. Fuq kollox jidher illi ddispjaċih għal dak li għamel u ma jidhirx illi llum huwa bniedem ta' periklu għas-soċjeta'. Illi allura billi għar-reati li dwarhom l-appellat qed jinstab ħati hemm il-konkors formali u materjali, l-Qorti ser tgħaddi biex tinfliġġi dik il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa dak maħsub fl-artikoli 144 u 150 li jġorr il-piena tal-priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin miżjuda bi grad u għalhekk iwassal għal piena tal-priġunerija bejn tmintax-il xahar u tmien snin u/jew il-multa bl-kundanna ta'l-interdizzjoni ġenerali u perpetwa fuq il-ħati[3].

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aħħar aggravju vventilat minnu, l-Avukat Ġenerali jilmenta li bħala parti mill-piena li kellha tiġi mposta fuq l-appellat, l-Ewwel Qorti kellha timponi fuqu ukoll il-piena ta' l-interdizzjoni ġenerali u perpetwa, u dana fit-termini tal-Artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi anke hawnhekk l-Avukat Ġenerali għandu raġun billi dawn ir-reati kommessi minn uffiċjali pubbliċi kważi dejjem iġorru magħhom, apparti il-piena, il-kundanna għall-interdizzjoni ġenerali u perpetwa, li toħroġ kemm mill-artikolu 119, kif ukoll mill-artikoli 127 u 150 tal-Kodiċi Kriminali li dwarhom hemm il-ħtija sabiex b'hekk l-aggravju tal-Avukat Ġenerali fir-rigward jistħoqqlu akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata, u dana billi:**

**(1) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu; u**

---

[3] L-artikolu 115 iġorr il-piena ta' priġunerija minn sena sa tmien snin priġunerija, u ukoll l-interdizzjoni generali u perpetwa fit-termini ta'l-artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali; l-artikolu 127 – priġunerija minn sentejn sa sitt snin u interdizzjoni generali perpetwa; ir-reati ta' serq aggravat bil-lok u bil-persuna – priġunerija minn seba' xhur sa sentejn li ma tingħatax fil-minimu biex b'hekk il-minimu jitla' għal tlettax il-xahar.

(2) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tar-reati dedotti fl-ewwel u l-ħames imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda bħala awtur ta'l-istess u mhux bħala kompliċi kif deċiż mill-Ewwel Qorti, kif ukoll fejn sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni; u

(3) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ordnat lill-appellat iħallas nofs l-ispejjez tal-esperti u ċioe' is-somma ta' €2,784 u dana fi zmien tlett snin mid-data ta' dina s-sentenza; u

(4) Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontrih, u minflok, wara li rat l-Artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali, issibu ħati ta' l-istess; u

(5) Tħassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn poġġiet lill-appellat taħt Ordni ta' Probation u ta' Servizz fil-Komunita' għall-perijodu ta' tlett snin u għal xogħol bla ħlas ta' 480 siegħa, u minflok tikkundanna lill-appellat għal piena ta' priġunerija ta' sentejn, liema terminu ta' priġunerija qed jiġi sospiż għall-żmien erba' snin mil-lum, u dana fit-termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €5000. *In oltre*, tikkundanna lill-appellat Edwin Vassallo għal piena tal-interdizzjoni ġenerali u perpetwa fit-termini tal-Artikolu 119, 127 u 150 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti spjegat lill-appellat Edwin Vassallo il-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Edwina Grima

Imħallef